**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

SEDUTA NRU. 30 – L-ERBGĦA, 20 TA' MARZU 2013

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-5:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maryanne Cuomo | *Chairperson* |
| | Joseph Pierre Bonello | Membru |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Maria Vella | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Roderick Debono | Skrivan |
| Skuzat: | Joe Woods | Viċi *Chairperson* |

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI**

1.1.1. Il-minuti tal-laqgħa ta' qabel kienu meqjusa moqrija.

1.1.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

**2. KOMUNIKAZZJONIJIET MIĊ-*CHAIRPERSON***

2.1.1. Iċ-*Chairperson* qalet li l-Ġnien Santa Marija tal-Anġli għadu bla dawl u ilma. F'dan ir-rigward hija talbet lis-SE sabiex jikkordina appuntament mal-Ministru Herrera dwar il-qagħda tal-Ġnien.

2.1.2. Is-Sinj. Cuomo infurmat li aktarx il-bozza li kienet irrappurtat fi Triq it-Tunnara għadha bil-ħsara.

2.1.3. Iċ-Ċhairperson ipproponiet sabiex isiru *barriers* fi Triq Baħar iċ-Ċagħaq sabiex jonqos il-periklu li hemm preżentament.

**3. L-ATTIVITÀ ARTS IN THE PARK 2013**

3.1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Gvern Ċentrali alloka s-somma ta' €1,500 għall-attività Arts in the Park għas-sena 2013.

3.1.2. Kien hemm qbil unanimu li l-attività għandha ssir nhar il-Ħadd 29 ta' Settembru 2013.

3.1.3. Is-Sinj. Cuomo appellat għal aktar ideat sabiex din l-attività ssir b'suċċess. Dan fid-dawl ta' possibiltajiet ta' għajnuniet finanzjarji permezz ta' sponsors, volontieri,eċċ.

3.1.4. Iċ-*Chairperson* qalet li jistgħu jieħdu in konsiderazzjoni xi *kite festival, Fun Run* għall-karità, fiera tal-ajruplani ż-żgħar filwaqt li esprimiet li għandhom jonqsu n-numru ta' kantanti. Hija żiedet tgħid li għandu jkun hemm involviment ikbar tat-tfal.

3.1.5. Barra minn hekk kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa ma' Fr Paul Attard sabiex primarjament jinfurmawh bl-organizzazzjoni ta' din l-attività filwaqt li jisimgħu xi ideat li Fr Attard jista' ikollu b'risq għal din l-attività.

3.1.6. Finalment intlaħaq ftehim li l-baġit għal din l-attività għandu jkun ta' €6,000.

## 4. DWAL GĦAL TRIQ IL-LAMPARA

4.1.1. Is-Sinj. Cuomo qalet li hemm parti minn Triq il-Lampara li tinsab fi dlam. Is-SE qal li idealment għandu jsir *re-modelling* tad-dawl u jiżdiedu tnejn oħra sabiex tissolva din il-problema billi jkun hemm tqassim aħjar tad-dawl.

## 5. XOGĦOL TA' TARMAK FI TRIQ SANTA KLARA

5.1.1. Il-Kumitat talab li titressaq lill-Kunsill il-bżonn urġenti li Triq Santa Klara tinkesa bit-tarmak ħalli b'hekk it-trejqa ta' ma' Triq Qalet Marku tibqa' magħluqa u ma jkunx hemm raġuni għaliex tinfetaħ.

## 6. PASSAĠĠ FI TRIQ QALET MARKU

6.1.1. Is-Sinj. Cuomo insistiet li kemm-il darba t-trejqa terġa' tinfetaħ u tinżamm miftuħa, hija tirriżenja mill-Kumitat Amministrattiv. Hija sabet is-sapport tal-kumplament tal-membri tal-Kumitat billi ddikjaraw li anki huma jirriżenjaw jekk jiġri hekk. Dan għaliex primarjament din it-trejqa kienet infetħet u ngħatat wiċċ tal-konkos mingħajr il-permess meħtieġa.

6.1.2. Min-naħa l-oħra s-Sinj. Cuomo qalet li l-Kumitat qiegħed jappoġġja r-residenti tal-Magħtab għaliex huma konxji li t-toroq tal-Magħtab huma fi stat diżastruż. Ġew imsemmija b'mod partikolari t-toroq tal-Kappella ta' Santa Marija, Santa Klara u l-Kampanjol.

6.1.3. Is-SE qal li fil-preżent il-WasteServ għandhom kuntratt ma' Polidano Bros sabiex isiru numru ta' toroq fiż-żona tal-Magħtab.

## 7. FULJETT

7.1.1. Kien hemm qbil li l-fuljett għandu jkun bil-kulur filwaqt li jrid ikun tat-tip A5 u f'forma ta' ktejjeb bi tmien faċċati.

7.1.2. Is-Sinj. Cuomo qalet li jkun għaqli jekk issir laqgħa għar-residenti minn Baħar iċ-Ċagħaq u hekk tista' tiġi rriklamatha f'dan il-fuljett. F'dan ir-rigward is-Sinj. Vella pproponiet li tali laqgħa għandha ssir il-Ġimgħa 17 ta' Mejju 2013.

7.1.3. Is-SE rrakomonda lill-Kumitat sabiex f'dan il-fuljett ikun hemm sezzjoni sabiex kull membru jkun jista' jgħaddi l-messaġġ tiegħu lill-komunità ta' Baħar iċ-Ċagħaq.

## 8. ĦWEJJEĠ OĦRA

8.1.1. Il-membri tal-Kumitat kienu lkoll tal-istess fehma li l-kuntrattur li jieħu ħsieb il-ġonna ttraskura ż-żona ta' Baħar iċ-Ċagħaq. F'dan id-dawl is-SE sostna li se joħroġ *Default Notice* lill-kumpanija Agricultural Co-operative Ltd f'dan ir-rigward.

8.1.2. Is-Sinj. Muscat qalet li ż-żewġ bins li hemm fi Triq Xatt il-Palm għandhom bżonn il-manutenzjoni.

8.1.3. Barra minn hekk is-Sinj. Muscat żiedet tgħid li r-rampa fi Triq is-Sikka għadha hemm u għalhekk tinsisti li għandha titlaq.

8.1.4. Is-Sinj. Cuomo talbet lis-SE sabiex niġbdu l-attenzjoni tal-kuntrattur tal-knis sabiex jagħti premura lit-toroq ta' Baħar iċ-Ċagħaq minn fejn se tgħaddi l-purċissjoni tad-Duluri u l-Ġimgħa l-Kbira. It-toroq imsemmija huma s-Sikka, Xatt il-Palm, Ridott u Anton Manwel Caruana.

8.1.5. Is-Sinj. Muscat qalet li hemm bżonn li ssir bozza ġdida fi Triq l-Isbark tal-Franċiżi. Kien hemm qbil li din issir.

8.1.6. Sar qbil li għandha ssir laqgħa ma' Fr Paul Attard fir-rigward ta' kif għandu jsir il-ħlas tal-użu tas-Sala tal-Knisja. Is-SE hu tal-ħsieb li l-ħlas għandu jsir b'rata fissa għall kull sezzjoni.

## 9. TMIEM IL-LAQGĦA

9.1.1. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis 25 ta' April 2013 ghal 5:00pm.

9.1.2. Il-laqgħa ntemmet fis-7:00pm.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Cuomo | Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |